# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 15 ta' Novembru 1999**

**Numru 48**

**Citaz. numru 563/91 DS**

**Michelangelo Camilleri**
**vs**
**Victoria mart Antonio Azzopardi u l-istess Antonio Azzopardi, Dolores mart Giuseppe Attard u b’digriet tat-13 ta’ Marzu 1992 Dr. Pierre Lofaro u P.L. Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsiefra Angelo Galea u Salvatore Galea, u l-eredita’ giacenti ta’ Giovanni Galea, u b’digriet tad-19 ta’ Mejju 1995 l-attijiet tal-kawza gew trasfuzi f’isem John Galea u Josephine mart Giuseppe Azzopardi eredi ta’ Giovanni Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-31 ta’ Mejju 1991 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa l-propjetarju tal-fond numru 6 Sqaq numru 1 Triq Santa Lucia, Naxxar;**

**Illi l-konvenuti qeghdin jallegaw li huma l-propjetarji ta' l-imsemmi fond;**

**talab lil din il-Qorti:**

**1. tiddikjara illi l-imsemmi fond numru 6 Sqaq numru 1 Triq Santa Lucia, Naxxar, huwa l-propjeta tal-attur;**

**2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jirrilaxxaw l-imsemmi fond a favur l-attur.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Victoria u Antonio konjugi Azzopardi pprezentata fl-24 ta' Settembru 1992 fejn qalu:**

**1. Illi l-azzjoni attrici hi irritwali u konsegwentement nulla, stante li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh qabel ma gew nominati l- kuraturi deputati u konsegwentement il-giudizzju mhux integru.**

**2. Illi bla pregudizzju ghall-premess illi l-istess azzjoni attrici hi irritwali u konsegwentement nulla, stante li l-eredita' ta' Giovanni Galea mhijiex gjacenti izda hemm eredi li l-identita' taghhom hija maghrufa, u ghalhekk kellhom jigu citati l-istess eredi.**

**Fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, l-ewwel talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-fond meritu tal-kontestazzjoni m'huwiex di propjeta' tal-attur kif minnu pretiz.**

**Fil-meritu wkoll u bla pregudizzju ghall-premess, it-tieni talba hu f'kull kaz improponibbli stante li, anke fl-ghar ipotesi, l-eccipjenti jigi li jkollhom titolu ta' lokazzjoni fuq l-istess fond kif ammess mill-attur innifsu fl-att tac-citazzjoni.**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nomine pprezentata fit-3 ta' Dicembru 1992 fejn qalu:**

**1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jitolbu lill-attur jaghtihom l-indirizz ta' Angelo Galea sabiex jikkommunikaw mieghu bl-iskop li jiddefenduh.**

2. Illi ghar-rigward l-eredita ta' Giovanni Galea, l-attur irid jipprova li din hi verament giacenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-istess kuraturi deputati nomine pprezentata fl-4 ta’ Marzu 1993 fejn qalu:

1. Illi l-ecipjenti nomine mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu illi l-attur jaghtihom l-indirizz ta' l-assistiti taghhom Angelo Galea u Salvatore Galea.

2. Illi l-attur irid jipprova illi l-eredita' ta' Giovanni Galea hi verament giacenti.

3. Salv eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John Galea u Josephine mart Giuseppe Azzopardi eredi ta’ Giovanni Galea pprezentata fl-1 ta’ Dicembru 1995 fejn qalu:

Illi l-ewwel talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li t-titolu ta' propjeta' pretiz mill-attur hu kontestat mill-eccipjenti.

Illi bla pregudizzju ghall-premess it-tieni talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess talba hi kontradetta mid-dikjarazzjoni guramentata tal-attur kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Marzu 1993 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Victor Borg Grech bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ lp-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-31 ta’ Mejju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**L-ewwelnett issir riferenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Victoria u Antonio konjugi Azzopardi u ghall-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 1993 mnejn jirrizulta li saret rinunzja ghal tali eccezzjoni. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

**B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni taghhom, jirrizulta li l-pozizzjoni giet sanata billi, fuq rikors ta' l-attur ta' l-10 ta' Mejju 1995, intlaqghet it-talba biex issir it-trasfuzjoni ta' l-atti f'isem John Galea u Josephine mart Giuseppe Azzopardi bhala eredi ta' Giovanni Galea. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni eccezzjoni wkoll.**

**F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob mill-Qorti dikjarazzjoni li l-fond numru sitta (6) Sqaq numru wiehed (1), Triq Santa Lucia, Naxxar huwa proprjeta' tieghu. Il-konvenuti Victoria u Antonio konjugi Azzopardi u John Galea u Josephine mart Giuseppe Azzopardi qed jikkontestaw il-pretenzjoni attrici izda mhumiex qed jallegaw li l-imsemmi fond huwa ta' proprjeta' taghhom. Jidher pero' li l-konvenuta Victoria Azzopardi tabita fl-istess fond.**

**In sostenn tat-talba tieghu l-attur ipproduca kopja ta' kuntratt ta' divizjoni tas-26 ta' Dicembru 1959 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri (Dok. A fol. 4 sa 25) mnejn jirrizulta li t-Tmien Porzjoni giet assenjata lilu. Fost il-proprjeta' elenkata f'din il-Porzjoni nsibu "2. Il-fond in-Naxxar, triq Santa Lucia sqaq numru wiehed, numru sitta u seba'". Inoltre fis-seduta peritali ta' l-10 ta' April 1997 l-attur esebixxa kopja ta' kuntratt ta' l-4 ta' Jannar 1973 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut (Dok. S1) li permezz tieghu biegh "porzjoni diviza mill-fond li jgib in-numru sebgha (7) Sqaq numru wiehed (Alley one) Saint Lucy Street, in-Naxxar, konsistenti din il-porzjoni diviza f'entrata bil-bieb numru sebgha fuq l-imsemmi sqaq u bitha warajha, liema en trata u bitha huma komuni ma' haddiehor, f'kamra li qieghda fuq in-naha tax-xellug inti u diehel fil-faccata tal-imsemmija bitha u kamra ohra fuq din il-kamra li titla' ghaliha b'tarag mikxuf liema tarag qieghed fl-imsemmija bitha u huwa komuni ma' haddiehor." Bhala provenjenza gie dikjarat li l-proprjeta' kienet giet ghand l-attur in forza tal-kuntratt ta' divizjoni fuq imsemmi tas-26 ta' Dicembru 1959. Esebixxa wkoll fis-seduta peritali tas-7 ta' Mejju 1998 kopja tar-relazzjoni peritali annessa mal-kuntratt ta' divizjoni msemmi u fejn hemm deskrizzjoni tal-fond trasferit bl-istess kuntratt ta' divizjoni.**

**Fl-imsemmija seduta tas-7 ta' Mejju 1998 Dr. Aldo Vella talab lill-perit legali jivverifika jekk il-fond abitat mill-konvenuta Victoria Azzopardi jikkorrispondix mad-deskrizzjoni li tirrizulta mir-relazzjoni peritali. Ghalhekk il-perit legali acceda fuq il-post u ta deskrizzjoni dettaljata ta' l-istess fond (ara verbal ta' l-access tad-29 ta' Ottubru 1998). Kif jirrizulta minn din id-deskrizzjoni paragunata mad-deskrizzjoni fir-relazzjoni peritali hemm qbil tant li l-perit legali kkonkluda "li ma jezisti l-ebda dubju li l-fond okkupat mill-konvenuta Victoria Azzopardi huwa l-fond imsemmi fl-atti numru 6 sqaq 1, Triq Santa Lucija, Naxxar."**

**Issa min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbli ghandu d-dover li qabel xejn hu jipprova l-proprjeta' tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni m'ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm issir dik il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza ("Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi", Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1995, Vol. iii.1257; "Clive Simpson noe vs Dr. Gaudenz Borg", Appell Civili, 6 Ta' Lulju 1993, Vol. ii.310).**

**Hekk ukoll ighid Pacifici Mazzoni fir-"Ripertorio Procedura Civili" (fol. 695):**

**"5. In giudizio di rivendica l'attuale possessore della cosa non e' tenuto a far alcuna prova, quando il rivendicante non gli opponga un titolo valido di trasferimento; ma se questi esibisca tale titolo, il possessore e' tenuto alla prova contraria."**

**"7. In un giudizio di rivendica solo all'attore incombe l'obbligo di provare il suo diritto di proprieta'."**

**"8. L'attore in rivendicazione deve provare in modo manifesto il diritto di proprieta' che reclama; e basta un semplice dubbio perche' il possessore dell'imobile sia assoluto dalla domanda."**

**F'dan il-kaz l-attur indika l-origini tat-titolu tieghu. Mill-banda l-ohra l-konvenuti bl-ebda mod ma gabu xi prova kuntrarja. Ghalhekk il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni tal-perit legali li l-attur irnexxilu jipprova li ghandu titolu validu ta' proprjeta' tal-fond numru 6 Sqaq 1, Triq Santa Lucija, Naxxar.**

**Bit-tieni domanda tieghu l-attur qieghed jitlob li l-konvenuti jigu ordnati jirrilaxxaw il-fond in kwistjoni. Il-konvenuti Victoria u**

**Antonio Azzopardi eccepew li din it-talba hi f'kull kaz improponibbli stante li, anke fl-aghar ipotesi, jigi li ghandhom titolu ta' lokazzjoni fuq l-istess fond kif ammess mill-attur innifsu fic-citazzjoni. U l-konvenuti John Galea u Josephine Azzopardi fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom isostnu li din it-tieni talba ghandha tigi michuda peress li min-natura taghha stess hi kontradittorja ghal dak dikjarat mill-attur innifsu fit-tieni, tielet u raba' paragrafi tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu.**

**Fis-seduta peritali tat-23 ta' Marzu 1999 id-difensur tal-konvenuti ssottometta dwar it-tieni talba attrici li, kif jirrizulta mill-istess dikjarazzjoni guramentata tal-attur, hu jghid li bejnu u Victor Galea, awtur tal-konvenuti, kien jezisti r-rapport guridiku ta' lokazzjoni u l-lum l-istess rapport ta' lokazzjoni kif jirrizulta mill-para. 4 tad-dikjarazzjoni tieghu jezisti bejnu u l-konvenuta Victoria Azzopardi li tghix fil-fond.**

**Victoria Azzopardi xehdet li hija toqghod fil-fond in kwistjoni, liema fond kien id-dar ta' abitazzjoni tal-genituri taghha u hija twieldet hemm. Baqghet tghix fih anke meta zzewget hlief ghal erba' snin meta marret il-Kanada. Meta giet lura missierha kien ghadu haj. Hija hallset kera fl-ewwel sena li miet missierha lill-attur.**

**L-attur jikkonferma li kien hemm lokazzjoni favur Victor Galea, missier il-konvenuta Victoria Azzopardi. Dan jidher car mid-dikjarazzjoni guramentata tieghu fejn jirreferi ghal sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet "Michelangelo Camilleri vs Victor Galea" fejn giet stabbilita kera ta' Lm4 fis-sena. Difatti esebixxa kopja ta' l-istess sentenza (Dok. B). Inoltre fl-istess dikjarazzjoni jghid li nonostante dik is-sentenza Victor Galea u sussegwentement il-konvenuta Victoria Azzopardi baqghet thallas l-istess kera; u fix-xiehda tieghu fis-seduta peritali tad-19 ta' Jannar 1995 spjega li meta qal fid-dikjarazzjoni li Victoria Azzopardi baqghet thallas l-istess kera, il-kera li kien baqa' jithallas kien ta' Lm2 fis-sena.**

**Kif diga' gie ndikat, Victoria Azzopardi xehdet li hija hallset il-kera fl-ewwel sena li miet missierha Victor Galea, li miet fl-4 ta' Jannar 1981. Ma jirrizultax jekk sarux pagamenti ohra. Stante li pero' jidher li kien hemm titolu ta' kera favur l-istess Victor Galea, dan**

**mhux il-foro kompetenti biex jigi determinat jekk ghadhiex tezisti lokazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti jkollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.**

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-fond numru 6 Sqaq numru 1 Triq Santa Lucia, Naxxar, huwa proprjeta' tal-attur izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba minhabba nkompetenza "rationae materiae". Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Grazio Galea**
**D/Registratur**